**Il-Milied**

Waslet festa kbira
li kulħadd din jammira
għax hija l-akbar waħda
u t-tfal ifittxu taħt l-imħadda.

Kulħadd jirċievi r-rigali
tal-ħanut ibiegħ il-qsari
ħomor nar tal-ponsjetta
għal dan il-jum ta’ festa

Aħna t-tfal nkunu ferħana
għax din hija l-festa tagħna
fil-vaganzi niġġerrew
u ftit noqgħodu ġew

Xewqat sbieħ u ħafna awguri
kulħadd jixtieq u juri
ferħ u xewqat mill-aħjar
kemm ż-żgħar kif ukoll il-kbar

kemm nieħu gost nipprepara
fil-presepju baqra u ħmara
bambin ċkejken, S. Ġuzepp u l-Madonna
imdawrin b’għelieqi u ġonna

Kewba tiddi fis-smewwiet
li timlina bil-barkiet
l-anġli jkantaw għalenija
f’dan il-jum ta’ stennija

Paċi fl-art lill-bnedmin
li ġabilna l-Bambin
f’dan il-jum niċċelebraw
dak li eluf ta’ snin ilu raw.

Graziella Cassar